MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Numru. 592/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Ronald Galea, Mark Abela, Darren Spiteri, Laurence Muscat, Branton Barbara, Jason Caruana, Roderick Spiteri, Clayton Camilleri u Darren Grech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija Ronald Galea, Mark Abela, Darren Spiteri, Laurence Muscat, Branton Barbara, Jason Caruana, u Darren Grech, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli nhar it-18 ta' Lulju 2002 gewwa z-Zejtun ghall-habta ta' 16.00 hrs organizaw, hadu sehem fi glied jew geldu tjur jew annimali bi ksur tal-Artikolu 31 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' piena, tiddisponi mill-annimali skond kif jidhrilha hi, u jigi applikat l-Artikolu 45 (1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu il-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex il-kawzi fil-konfront tal-imputati Spiteri u Camilleri jigi deciz separatament mill-kawza fil-konfront tal-imputati Galea, Abela, Spiteri, Muscat, Barbara, Caruana u Grech;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-proceddiment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda illi dakinhar kif imsemmi fl-imputatazzjoni dahlet telefonata fis-sens illi fi Triq Luqa Briffa iz-Zejtun kien hemm xi nies illi kienu qeghdin igelldu xi sriedaq. Din it-telefonata kienet anonima. Kien hemm umbaghad telefonata ohra fejn il-pulizija gew mgharfa illi l-glieda kienet qeghda issir go xi drive in. Intbaghtu zewg pulizija il-1023 u il-457 li marru fuq il-post, sabu id-drive in, nizlu fiha u dak il-hin sabu madwar tletin persuna imdawrin ma xi sriedaq. Meta l-pulizja mar fid-“drive in” u cioe' PS 994 Joseph Abela, meta dan mar fid-drive in sab xi disgha persuni, u l-ohrajn lahqu harbu. Fuq il-post kien hemm disa' sriedaq. Meta l-imputati gew mistoqsija mill-pulizja dwar is-sriedaq Lawrence Muscat qal li kelu serduq wiehed, Brandon Barbara kellu zewgt sriedaq, Mark Abela kellu tnejn u Darren Spiteri qal illi kellu serduq wiehed biss. Id-drive in in kwistjoni hija miftuha ghall-pubbliku ghaliex hemm hafna garages.

Illi xehed ukoll PC 457 Jean Pierre Mifsud, illi wkoll mar fuq il-post u qal illi fuq il-post sabu tletin persuna u xi sriedaq jigru fin-nofs. Meta raw lill-pulizija n-nies telqu jigru u kull ma baqa' minnhom kien hemm xi disa' persuni. Il-pulizija elevaw ghaxart sriedaq izda x-xhud ma gabarx sriedaq minn idejn hadd u lanqas ma ra lil xi hadd iggellidhom. Wara l-incident hadd mill-imputat ma avvicinah biex jaghtih xi sriedaq lura. Mistoqsi fuq Ronald Galea u Jason Caruana x-xhud qal li dawn it-tnejn kienu mal-garage taghhom qeghdin ipejjpu cigarette u iharsu lejn ic-cirku tan-nies bi sriedaq, pero' huma ma kienux parti f'din il-glieda ta' sriedaq.

Illi PS 1386 Anthony Agius xehed illi Roderick Spiteri, Clayton Camilleri, Jason Caruana u Ronald Galea ma kellhom l-ebda serduq f'idejhom, u xehed ukoll illi meta mar fuq il-post ma ra lil hadd iggelled is-sriedaq. Darren Spiteri kellu serduq li kien f'idejh fuq il-post.

Illi xehdu whud mill-imputati u dawn kollha cahdu illi kienu qeghdin igelldu s-sriedaq. Xehdu fis-sens illi raw xi sriedaq jigru wiehed 'l hemm u 'l iehor 'l hawn, izda li ma rawx is-sriedaq jiggieldu fl-ebda hin. Branton Barbara cahad li kien qieghed iggelled is-sriedaq u qal illi lanqas biss kien ghadu harighom mill-ixkora meta waslu l-pulizija u li hu kien hadhom hemmhekk biss sabiex jurihom lil shabu. Lawrence Muscat xehed illi huwa kellu serduq wiehed li kien qieghed jaghmel show bih ma shabu. Is-serduq tieghu kien ma l-art u ma kienx qieghed jiggieled mas-sriedaq l-ohrajn. Huwa xehed illi s-sriedaq l-ohrajn kienu jew fl-idejn jew inkella fl-ixkejjer. Huwa xehed illi meta kellu jigi kulhadd bis-sriedaq kellhom inizzluhom mal-art u jaraw ta' min hu l-isbah u kien hemm xi tazza ghal min ikollu l-isbah serduq.

Illi t-tezi tad-difiza hija fis-sens illi s-sriedaq attakkaw lil xulxin meta l-pulizija qabdu s-sriedaq u tefghuhom f'zewg celell u dana peress illi meta s-sriedaq ikunu f'post maghluq flimkien dawn jibdew jiggieldu u jattakkaw lil xulxin. It-tezi tad-difiza hija fis-sens illi s-sriedaq kienu

hemmhekk “on show” sabiex jaraw ta’ min hu l-isbah serduq u mhux sabiex jiggeldu wiehed ma l-iehor.

Illi mill-kumpless tal-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni il-Qorti tara li l-pulizija ma ippruvaw bl-ebda mod illi l-imputati kienu qeghdin iggeldu s-sriedaq in kwistjoni.  Dak li gie ippruvat kien illi kien hemm is-sriedaq illi kienu jappartjenu lil uhud mill-imputati ghaliex effettivament l-istess imputati marru l-ghassa talbu li jinghataw is-sriedaq taghhom lura u gew rilaxxjati ircevuti f’dan is-sens mill-pulizija.  Izda dana kollu bl-ebda mod ma iwassal ghall-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputati kienu qeghdin hemm hekk sabiex iggeldu s-sriedaq.  Hadd mill-pulizija ma xehed illi ra lis-sriedaq jiggieldu, jew lil xi hadd igellidhom ghal xulxin, izda qalu biss illi kien hemm is-sriedaq mal-art f’cirku ta’ nies imdawwrin maghhom.

B’hekk il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad ta’ prova rikjest mill-Ligi fil-kamp kriminali u ghaldaqstant filwaqt illi tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom qeghda tilliberahom minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------